

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell 22.7.2009
KUMM(2009) 402 finali

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI
LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

Dwar il-Progress fil-Bulgarija taħt il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika

{SEG(2009) 1074}

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Dwar il-Progress fil-Bulgarija taħt il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika

1. INTRODUZZJONI – KUNTEST U METODOLOĠIJA

1.1. Għan:

Meta l-Bulgarija nqasdet mal-Unjoni Ewropea f'Jannar 2007, ġie stabbilit Mekkaniżmu ta' Koperazzjoni u Verifika (MKV)¹ biex jgħin lill-Istati Membri l-ġodda jindirizzaw il-ħtieġa rrikonoxxuta għal riforma ġudizzjarja importanti u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata. Il-MKV huwa deċiżjoni awtonoma tal-Kummissjoni msejsa fuq it-Trattat tal-Adeżjoni. Il-mekkaniżmu jippermetti li l-Kummissjoni taħdem mill-qrib fil-livell politiku u tekniku mal-awtoritajiet Bulgari sabiex timmoniterja u tevalwa l-progress, tipprovdi pariri tekniċi, u tagħti sostenn finanzjarju. Il-MKV jippermetti li l-Istati Membri l-oħrajn kollha jsegwu u jappoġġjaw l-iżviluppi f'dawn l-oqsma fil-Bulgarija u jipprovdu kemm kompetenza kif ukoll sostenn finanzjarju. Ir-rapporti interim u annwali mħejjijin mill-Kummissjoni taħt il-MKV jivvalutaw il-progress u jidentifikaw in-nuqqasijiet li għad baqa' sabiex il-Bulgarija tkun meġhjuna tiffissa l-prijoritajiet għal azzjonijiet li jridu jittieħdu biex tissodisfa għal kollox il-parametri ta' riferiment stabbiliti fil-mument tal-adeżjoni.

Dan ir-rapport jippreżenta l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-progress li sar fl-isforz biex jiġu sodisfatti dawn il-parametri ta' riferiment mill-aħħar rapport sħiħ tagħha (23 ta' Lulju 2008) 'l hawn. Jagħmel ukoll rakkomandazzjonijiet, imsejsa fuq din il-valutazzjoni, lill-Bulgarija. L-aġġornament tekniku meħmuż jippreżenta l-valutazzjoni ddettaljata tal-Kummissjoni tal-progress f'kull wieħed mill-parametri ta' riferiment. Ir-rapport huwa msejjes fuq kontributi regolari min-naħa tal-awtoritajiet Bulgari, notevolment b'rispons għal kwestjonarji ddettaljati mill-Kummissjoni għal kull parametru ta' riferiment. Il-Kummissjoni ġiet assistita f'xogħlha minn għadd ta' esperti ta' livell għoli mill-Istati Membri u irrikorriet ukoll għal dokumentazzjoni u kontributi pprovduti minn diversi għejun oħrajn.

1.2. Il-metodoloġija tal-parametri ta' riferiment:

Il-Kummissjoni tara li l-parametri ta' riferiment kollha huma llinkjati mill-qrib bejniethom. Fid-djalogu tagħha mal-Bulgarija nqasdet biżżejjed xhieda li l-progress fil-każ ta' parametru ta' riferiment wieħed jikkontribwixxi biex isir progress fil-każ ta' parametru ta' riferiment ieħor. Ir-raġuni fundamentali tal-MKV mhix li jistabbilixxi lista ta' kontroll, iżda li jiżviluppa ġudikatura indipendenti u stabbli li tkun kapaċi ssib u tissanzjona l-kunflitti ta' interess, tissielet lill-korruzzjoni fil-livelli kollha u

¹ Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/929/KE tat-13 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi mekkaniżmu għall-koperazzjoni u l-verifika tal-progress fil-Bulgarija biex jiġu indirizzati l-parametri speċifiċi ta' riferiment fil-qasam tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata (ĠU L 345/56 tal-14.12.2006, p.58).

tindirizza b'mod effettiv il-kriminalità organizzata. Għaldaqstant, il-Kummissjoni m'għandhiex il-ħsieb li tneħħi l-parametri ta' riferiment wieħed wieħed iżda se taħdem mal-Bulgarija sal-punt fejn jiżżarma l-MKV fl-intier tiegħu.

2. IL-QAGĦDA TAL-PROĊESS TA' RIFORMA FIL-BULGARIJA

Kisbiet

Bħalma kien il-każ fis-snin ta' qabel, valutazzjoni ddettaljata mill-Kummissjoni tal-progress fl-isforz biex jiġu sodisfatti l-parametri ta' riferiment iffissati taħt il-MKV hija disponibbli fl-aġġornament fattwali li hu anness ma' dan ir-rapport. Ir-rapport ewlieni jippreżenta fil-qosor is-sejbiet l-aktar importanti tal-Kummissjoni u joffri rakkomandazzjonijiet għal azzjoni mill-Bulgarija.

Ir-rapport tal-MKV ta' Lulju 2008, u r-rapport dwar l-amministrazzjoni tal-fondi Komunitarji fil-Bulgarija, wasslu għal bidla fl-attitudni u għal djalogu aktar miftuħ u sinċier fil-livelli kollha mal-awtoritajiet Bulgari. L-eżistenza mifruxa tal-kriminalità organizzata u tal-koruzzjoni m'għadhiex miċħuda u qed isiru xi sforzi mill-prosekuzzjoni u mill-ġudikatura biex dawn il-problemi jiġu missielta. Ittieħdu għadd ta' passi bħala segwitu tar-rakkomandazzjonijiet magħmulin mill-Kummissjoni fl-aħħar valutazzjoni tagħha.

Il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata

Il-Bulgarija bdiet tirristruttura s-servizz tal-prosekuzzjoni tagħha sabiex iżżid l-effiċjenza, b'attenzjoni partikulari fuq il-prosekuzzjoni ta' każijiet serji ta' kriminalità, minn Settembru 2008.

Il-ħolqien ta' timijiet konġunti bejn il-prosekuzzjoni, il-pulizija, is-servizz Nazzjonali tal-Investigazzjoni u l-Aġenzija Statali tas-Sigurtà Nazzjonali tejjeb il-koordinazzjoni u wassal biex isir progress tanġibbli rigward l-investigazzjonijiet, b'mod partikulari fil-qasam tal-frodi tal-UE, muri bl-għadd li qed jiżdied ta' investigazzjonijiet u ta' akkużi. L-istabbiliment ta' Tim Konġunt permanenti għat-Trażżin tar-Reati kontra s-Sistema Finanzjarja tal-UE huwa inizjattiva eċċellenti, minħabba li jgħib flimkien taħt awtorità waħda diversi funzjonijiet, intelliġenza, konnoxxenza speċjalizzata, u investigazzjoni rigward tip speċifiku ta' kriminalità.

L-istess struttura organizzattiva effiċjenti għadha ma ġietx stabbilita għall-kriminalità organizzata, fejn timijiet konġunti joperaw biss fuq bażi ad hoc. Madanakollu, dawn it-timijiet ad hoc diġà wrew aktar proattività fl-individwar ta' membri ta' gruppi magħrufa tal-kriminalità organizzata. L-ewwel kundanni ngħataw b'riżultat ta' patteġġament u proċedura ġudizzjarja mqassra ("proċedura spedita"). Madanakollu, dan il-proċess spiss iwassal għal sentenzi li jkunu taħt il-minimu legali f'kawżi fejn il-konvenut jammetti l-fatti. Iż-żewġ proċeduri issa qed jintużaw b'mod proattiv kontra membri ta' gruppi tal-kriminalità organizzata sabiex jagħmlu tajjeb għall-ineffiċjenza tal-proċeduri kriminali fil-Bulgarija. Għall-ewwel darba, dawn il-proċeduri wasslu għat-tfiġh il-ħabs ta' għadd żgħir ta' membri ta' grupp tal-kriminalità organizzata, li jista' jiġi interpretat bħala messaġġ importanti lill-pubbliku li kriminali magħrufin sew m'għadhomx iktar 'il fuq mil-liġi. Dawn il-kundanni jistgħu jiffaċilitaw l-iffriżar tal-assi u l-investigazzjonijiet dwar il-ħasil tal-flus li possibbilment iwasslu għat-tieni kundanni. Madanakollu, wieħed għandu jqis jekk,

kollox ma' kollox, l-użu tal-patteġġament fil-każi ta' kriminalità organizzata jiżgurax biżżejjed effett ta' deterrent. Barra minn hekk, dan m'għandux iwaqqaf lill-Bulgarija milli torganizza sistema adegwata ta' proċess ġudizzjarju.

L-ewwel suċċessi jridu jiġu ġġudikati fid-dawl tal-fatt li l-qtil b'rabta mal-kriminalità organizzata għadu għaddej u kriminali magħrufin ma jinqabdux. Hemm hteġa ta' xhieda ċara li l-awtoritajiet u l-klassi politika huma inekwivokament impenjati li jeqirdu l-kawżi li huma l-għerq tal-problema. Din is-sitwazzjoni ġġib magħha skumdità u inċertezza fl-amministrazzjoni, fil-pulizija u fil-ġudikatura. Wieħed ma jistax jistenna li dawn imexxu l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni, meta s-sinjali li ġejjin mill-awtoritajiet u mit-tmexxija politika mhumieq l-istess u ċari. Għandu jiġi evitat li l-isforzi ta' min ifaħħarhom tagħhom iwasslu biex jiġu esposti għal theddid u intimidazzjoni.

Ir-riforma tal-pulizija għaddejja, għalkemm il-livelli tal-istaff, l-istrutturi u l-proċeduri fil-pulizija kriminali, li għadha kif ġiet ifformata, u fis-servizz investigattiv tal-pulizija, li ġie organizzat mill-ġdid, għad iridu jiġu kkonsolidati. L-isporġiment organizzattiv għadu jeżisti fl-istruttura l-ġdida, li s-sissa għadha ma wasslitx għal iktar effettività fl-investigazzjoni tal-kriminalità serja.

It-track record tal-Kummissjoni għall-iffriżar u l-konfiska ta' assi kriminali (CEPACA) tgieb b'mod sinifikattiv min-nofs l-2008 'l hawn, b'aktar minn 130 każ li issa qed jistennew deċiżjonijiet tal-qorti. Għalkemm il-qafas legali applikabbli jidher li jippermetti l-iffriżar tal-assi fil-mument meta tinfetaħ investigazzjoni uffiċjali e.g. dwar ħasil tal-flus, jidher li l-iffriżar iseħħ biss diversi xhur wara li tkun bdiet il-fażi ta' qabel il-proċess ġudizzjarju jew fil-mument tal-akkuża u b'hekk jitlef il-parti l-kbira tal-effett operazzjonali tiegħu. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet tal-iffriżar tal-assi ffixxati fil-liġi huma restrittivi wisq u ma jablux mar-realtà tal-kriminalità fil-Bulgarija. Emendi legali biex titjieb l-effiċjenza tal-iffriżar u l-konfiska tal-assi, li tressqu f'Novembru 2008, ġew irrifjutati minn maġġoranza Parlamentari wiesgħa, mingħajr distinzjoni ta' partiti. Quddiem dawn id-diffikultajiet, CEPACA żviluppa wkoll Prattika li jikseb ordnijiet ċivili ta' konfiska f'każijiet bħal dawn. Iżda kollox ma' kollox, il-modi legali kif wieħed joħroġ minnha jimminaw serjament l-effiċjenza ta' ħidmet CEPACA.

Riforma tal-Ġudikatura

Kwalunkwe progress miksub fejn tidħol il-prosekuzzjoni, ngħidu aħna fil-ġlieda kontra l-frodi tal-UE, se jkun limitat, sakemm il-ġudikatura ma tiġix riformata aktar u turi aktar impenn lejn l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja. Jibqa' tħassib serju dwar dewmien mhux raġonevoli fil-proċeduri ġudizzjarji. Id-dewmien huwa kkawżat l-aktar mill-formalità estrema tal-proċedura kriminali, ċerta passività min-naħa tal-ġudikanti u l-għadd donnu ma jispiċċa qatt ta' possibbiltajiet li l-liġi dwar il-proċedura kriminali toffri lill-konvenuti biex idewmu l-proċeduri.

Fin-nuqqas ta' inizjattivi leġiżlattivi xierqa biex jirrimedjaw din il-problema, grupp ta' ħidma tal-Kunsill Suprem tal-Maġistratura (KSM) għamel inventarju u analiżi ddettalġati tal-każijiet speċifiċi. Għal kull każ individwali, ġew proposti jew adottati miżuri fi sforz biex jiġi taffw l-proċeduri, fil-forma ta' rakkomandazzjonijiet biex jiġi taffw il-pass f'każijiet ta' interess pubbliku kbir". Hemm każijiet kontra figuri emblematiċi magħrufin li fihom kien hemm aktar minn dewmien wieħed. Ir-

rakkomandazzjonijiet tal-KSM jissuġġerixxu emendi legali (pereżempju l-introduzzjoni tar-reġistrazzjoni tar-residenza) kif ukoll tibdiliet sostanzjali fl-organizzazzjoni tal-qrati u tal-prattika legali. Ta' min ifaħħar l-inizjattiva tal-KSM; wieħed għad irid jara x'se jkun l-impatt tar-rakkomandazzjonijiet u tal-applikazzjoni tagħhom.

Il-kumplessità u l-formalità tal-proċedura kriminali hija fiha nnifisha kawża ewlenija tal-ineffċjenza tas-sistema ġudizzjarja. Hija ġġiegħel lill-investigazzjoni u lill-prosekuzzjoni jikkonċentraw fuq metodi simplistiċi biex jiksbu x-xhieda u jevitaw investigazzjonijiet ikkumplikati. Barra minn hekk, dan il-mod formali ta' kif isiru l-affarijiet lanqas biss igawdu minnu d-drittijiet tal-konvenuti, għax l-awtoritajiet tal-applikazzjoni tal-liġi jużaw il-ħin kollu l-aktar tekniki investigattivi invażivi minħabba li xhieda 'dgħajfa' mhix aċċettata fil-qorti.

Minn Ġunju 2008 'l hawn, l-Ispettorat tal-Kunsill Suprem tal-Maġistatura qed jaħdem għal kollox u kiseb track record inkoraġġanti fl-investigazzjoni ta' ksur dixxiplinarju u ta' dgħufijiet sistematiċi tal-prattika ġudizzjarja. Xi wħud mis-sejbiet wasslu għal titjib, b'mod partikulari permezz ta' deċiżjonijiet interpretattivi mill-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni.

Saru wkoll sforzi mill-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni biex tiġi promossa ġurisprudenza uniformi permezz ta' lagħat konġunti regolari mal-qrati reġjunali. Aktar importanti minn hekk, il-Qorti Suprema għamlet użu attiv mis-setgħat legali tagħha biex toħroġ sensiela ta' deċiżjonijiet interpretattivi li huma mandatarji għal kull qorti u li jiżguraw l-applikazzjoni uniformi tal-liġi.

L-azzjoni leġislattiva turi mod mhux uniformi u kultant kontradittorju ta' kif isiru l-affarijiet: inbdiet leġislazzjoni biex jiġu evitati l-abbużi tad-drittijiet tal-konvenuti (ordinanzja dwar il-lif tal-mard) u biex jiżdiedu l-pwieni għall-frodi għad-detriment tal-UE, iżda fl-istess ħin Att dwar l-Amnestija eżenta mill-proċeduri kriminali lill-atti ta' negliġenza li għalihom wieħed jista' jeħel sa 5 snin, inklużi dawk imwettqin fil-funzjoni pubblika qabel Lulju 2008. Dan jibgħat messaġġ li ma jaqbilx mal-impenn tal-gvern li jeqred il-korruzzjoni fil-livelli kollha, b'mod partikulari fejn jidħlu atti ta' negliġenza mwettqin f'funzjoni pubblika.

Bl-istess mod, twettqu xi sforzi mill-Ministeru tal-Ġustizzja biex jabbozza politika penali ġdida, iżda fl-istess ħin ma ġewx segwiti għadd kbir ta' rakkomandazzjonijiet adottati fl-2006 biex tiġi ssimplifikata l-proċedura penali, li hija formalistika żżejjed. Il-Kodiċi Penali fih innifsu huwa antikwat. Għalhekk, is-sistema legali għad għandha nuqqasijiet sostanzjali, b'mod partikulari fejn għandha x'tasam il-leġislazzjoni penali bażika, iżda wkoll fejn tidħol leġislazzjoni importanti oħra, e.g. fuq il-qbid tal-assi kriminali. In-nuqqas ta' inizjattiva mil-leġislatur fir-rigward tal-leġislazzjoni kriminali bażika tirrappreżenta nuqqas importanti. Il-formaliżmu eċċessiv fil-prattika ġudizzjarja, id-dgħufija tal-amministrazzjoni pubblika b'mod ġenerali u l-fatt li ma tagħti kont lil ħadd, u n-nuqqas ta' inizjattiva f'sistema strettament ġerarkika għandhom jisseweww permezz tal-modernizzazzjoni tal-qafas legali li tkun imfassla biex tevita d-dewmien biex jittieħdu d-deċiżjonijiet u biex iżżid is-sens ta' responsabbiltà tagħhom.

Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni

Mis-Sajf li għadda 'l hawn ittieħdu passi fil-livell tal-Kunsill tal-Ministri biex tissaħħa il-koordinazzjoni interministerjali u biex jinbda x-xogħol tat-tnejja għal strateġija għda kontra l-korruzzjoni msejsa fuq evalwazzjoni u konsultazzjoni ta' dawk li għandhom interess fil-qasam. Barra minn hekk, inħoloq sit fuq l-internet (permezz ta' proġett iffinanzjat mill-UE) biex jiġu ssinjallati reati ta' korruzzjoni, u dan jippermetti li jitressqu lmenti b'mod ċentrali kontra l-istituzzjonijiet kollha u li wiegħed jiċċekkja l-istatus tal-ilment. Ġew ipprovduti koordinazzjoni, superviżjoni u sostenn tekniku għall-uffiċċji reġjonali kollha ta' kontra l-korruzzjoni u xibka ta' spettorati fil-ministeri kollha.

Fl-istess ħin, hemm bżonn ta' mod aktar proattiv ta' kif isiru l-affarijiet f'oqsma u setturi vulnerabbli bħalma huma s-saħħa u l-edukazzjoni, ngħidu aħna permezz tal-pubblikazzjoni ta' linji gwida amministrattivi dwar kif jittaffew dawn ir-riskji, u kontroll aktar rigoruż tal-konformità. Wieħed jista' jinnota nuqqas ġenerali ta' inizjattiva f'dawn l-oqsma vulnerabbli. Għalkemm l-indikazzjonijiet ta' frodi u korruzzjoni (inkluża kollużjoni mal-kriminalità organizzata) huma abbondanti fid-dominju pubbliku, l-aġenziji tal-applikazzjoni tal-liġi jidher li joqogħdu lura milli jieħdu inizjattiva u jidher li jistennew sakemm xi amministrazzjoni oħra tirrapporta l-irregolaritajiet formalment abel ma jibdew investigazzjoni. Isiru ftit wisq investigazzjonijiet 'ex officio' – jiġifieri investigazzjonijiet mibdiġin fuq inizjattiva proprja u mhux fuq il-bażi ta' lment jew ta' avviż amministrattiv. Dan in-nuqqas ta' inizjattiva fl-applikazzjoni tal-liġi huwa fil-biċċa l-kbira dovut għal attitudni passiva u għall-appoġġ politiku limitat għal mod proattiv ta' kif isiru l-affarijiet sabiex jiġu indirizzati l-frodi u l-korruzzjoni. Dan in-nuqqas ta' appoġġ iwassal biex il-persunal tal-applikazzjoni tal-liġi ma jħossux żgur li għandu jibda investigazzjoni, ma jmurx jhedded li jikxef korruzzjoni f'livell għoli. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bulgarija tista' tikkunsidra li tistabbilixxi strutturi speċjalizzati għall-prosekuzzjoni u l-ġudizzju f'każijiet ta' korruzzjoni f'livell għoli u kriminalità organizzata. Tali strutturi jkun jeħtieġ li jkunu funzjonalment u politikament indipendenti mill-gvern u jkollhom mandat ċar għal aġenda proattiva.

3. KLAWŻOLI TA' SALVAGWARDJA

Fil-kuntest tal-valutazzjoni ta' hawn fuq, tqum il-kwistjoni ta' jekk wieħed għandux jirrikorri għall-klawżola ta' salvagwardja. Fid-diskussjoni pubblika dwar il-MKV spiss ikun hemm konfużjoni bejn iż-żmien kemm x'aktarx idum il-Mekkaniżmu u l-klawżoli ta' salvagwardja, li huma limitati biż-żmien, li hemm fit-Trattat tal-Adeżjoni. M'hemm l-ebda rabta awtomatika bejn il-MKV u l-klawżoli ta' salvagwardja li hemm fit-Trattat tal-Adeżjoni għall-Bulgarija. Il-klawżoli ta' salvagwardja huma inklużi b'mod standard fit-trattati tal-adeżjoni. Il-klawżoli ta' salvagwardja ddaħħlu biex jiżguraw il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern u taż-żona ta' ħelsien, sigurtà u ġustizzja. Jistgħu jiġu attivati sa tmiem l-2009 sabiex jippermettu s-sospensjoni għal ftit żmien tal-applikazzjoni tal-leġislazzjoni Komunitarja rilevanti jekk ikun meħtieġ. Il-Kummissjoni hija tal-fehma, bil-valutazzjoni ta' hawn fuq bħala bażi, li l-kundizzjonijiet biex wieħed jinvoka l-klawżoli ta' salvagwardja m'humiex sodisfatti.

Il-MKV issa daħal fit-tielet sena tiegħu. Ma ddaħħalx għal perjodu fiss minħabba li għandu jitneħħa biss meta l-parametri ta' riferiment kollha li stabbilixxa jkunu ġew sodisfatti b'mod sodisfaċenti. Huwa ċar li l-issodisfar tal-oġettivi ffissati fil-

parametri ta' riferiment huwa biċċa xogħol li se tieħu fit-tul: ngħidu aħna, l-indirizzar tal-kawżi li huma l-għerq tal-korruzzjoni u l-qirda tal-kriminalità organizzata se jieħdu ż-żmien. It-tip ta' bidliet profondi li huma meħtieġa tista' twettaqhom biss is-soċjetà Bulgara. Il-MKV huwa għodda ta' sostenn f'dan l-isforz. Ila hu objettiv fih innifsu u lanqas ma jista' jieħu post l-impenn li l-awtoritajiet Bulgari jeħtieġ li jieħdu sabiex jallinjaw is-sistema u l-prattika għidizzjarja mal-istandards ġenerali tal-UE.

4. KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

Il-Kummissjoni rat momentum għdid fl-isforzi tal-Bulgarija biex ittejjeb il-ġudikatura u tiġġieled kontra l-korruzzjoni mir-rapport tagħha ta' Ġunju 2008 'l hawn. Dan jirriżulta minn sforzi li saru minn esponenti individwali fis-servizzi tal-prosekuzzjoni u tal-ġudikatura biex jindirizzaw il-problemi strutturali. Dawn jixirqilhom appoġġ u rikonoxximent għall-isforzi tagħhom. Dawn il-passi pragmatiċi jikkontribwixxu għal aktar effiċjenza tal-ġudikatura u tisħiħ tal-prosekuzzjoni u, f'xi każijiet, rażżnu opportunitajiet għall-korruzzjoni.

Madankollu, dawn il-passi huma kkonfinati għal-livell tekniku u għandhom impatt limitat. Filwaqt li wieħed jilqa' b'sodisfazzjon iż-żieda ġenerali tal-għarfien u dawn l-inizjattivi individwali, dawn m'humiex sostnuti b'mod adegwat minn konsensus politiku wiesa' jew minn strateġija konvinċenti biex il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u kontra l-korruzzjoni ssir l-akbar prijorità għall-Bulgarija. Minħabba f'hekk, kif jarawha n-nies, il-ġustizzja fil-Bulgarija ssir bil-mod, kultant hija inġusta u f'xi każijiet hija suġġetta għall-inflwenza u l-interferenza. Fl-istess ħin, il-miżuri meħudin huma meqjusa bħala frammentarji u mhux segwiti sistematikament fil-livelli kollha. Li jonqos huwa biżżejjed impenn politiku għal inizjattivi usa' li jistgħu jiffurmaw mod iżjed deċiżiv u strateġiku ta' kif isiru l-affarijiet.

Minkejja ftit passi pragmatiċi inkoraġġanti biex il-ġudikatura ssir aktar effiċjenti u biex il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u kontra l-kriminalità organizzata tiġi indirizzata b'mod aktar attiv, hemm bosta nuqqasijiet li jridu jiġu indirizzati minnufih mill-Gvern Bulgaru.

Billi tibbaża fuq il-valutazzjoni l-iktar riċenti tagħha, il-Kummissjoni tistieden lill-Bulgarija biex twettaq azzjoni f'dawn l-oqsma:

rigward il-kriminalità organizzata u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni:

- tiżviluppa strateġija integrata kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni;
- tagħmel permanenti l-istruttura ad hoc tat-timijiet investigattivi konġunti dwar il-kriminalità organizzata;
- tistabbilixxi strutturi speċjalizzati għall-prosekuzzjoni u l-ġudizzju ta' każijiet ta' korruzzjoni f'livell għoli u ta' kriminalità organizzata b'indipendenza funzjonali u politika xierqa;
- tippromwovi investigazzjonijiet ex-officio proattivi tal-korruzzjoni mill-awtoritajiet amministrattivi kollha li għandhom funzjonijiet ta' kontroll;
- tiżgura li jkun hemm implimentazzjoni effettiva tal-liġi riċenti dwar il-kunflitt ta' interess permezz tal-iżvilupp ta' linji gwida ta' implimentazzjoni u sistema ċentrali tar-rappurtaġġ;

- fuq livell orizzontali, timmoniterja l-impatt tal-liġijiet għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u kontra l-kriminalità organizzata u temenda l-leġislazzjoni fejn ikun xieraq;
- ittejjeb l-effiċjenza tas-sistema biex jiġu ffriżati/jinqabdu assi kriminali;
- issaħħaħ il-kapaċità tal-ispettorat ġenerali u tal-ispettorati tal-ministeri u tal-aġenziji u tagħtihom mandat biex jaġixxu b'mod proattiv fl-identifikazzjoni u l-mitigazzjoni tal-punti vulnerabbli;
- issaħħaħ it-28 kunsill reġjunali ta' kontra l-korruzzjoni fi sħubija mas-Soċjeta' Ċivili;
- tistabbilixxi arranġamenti amministrattivi aħjar għas-salvagwardja ta' min jikxef il-korruzzjoni;
- issegwi mill-qrib il-progress fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-livelli ċentrali u lokali permezz ta' grupp ta' koordinazzjoni interministerjali;

rigward l-effiċjenza tal-Ġudikatura:

- issib u tanalizza b'mod proattiv l-applikazzjoni mhux uniformi tal-liġi u tistimula aktar deċiżjonijiet interpretattivi mill-Qorti Suprema;
- tkompli taħdem minnufih fuq l-abbozz ta' dokument ta' riflessjoni għal abbozzar mill-ġdid sħiħ tal-Kodiċi Penali.
- tikkunsidra riforma bir-reqqa tal-Kodiċi tal-Proċeduri Penali sabiex il-proċeduri kriminali jiġu ssimplifikati u titnaqqas il-formalità eċċessiva;
- timplimenta minnufih ir-rakkomandazzjonijiet tal-professjonisti f'dan il-qasam biex titjieb il-prattika taħt il-Kodiċi ta' Proċedura Penali eżistenti;
- timplimenta r-rakkomandazzjonijiet kollha li għamel il-KSM dwar id-dewmien f'każijiet kriminali importanti u testendi l-immoniterjar sistematikament għall-każijiet rilevanti kollha
- issegwi l-użu u l-impatt tal-proċeduri spediti (piena inqas talli wieħed jammetti) u tal-patteġġament;
- tikkontrolla r-rispett effettiv mill-qrati kollha tar-rekwiżit li jippubblikaw is-sentenzi kollha;
- tiżgura li ssir valutazzjoni oġġettiva dwar kif ikunu ħadmu l-maġistrati kollha u tirrevedi l-ordinanza dwar ir-regoli u l-kriterji għall-ħatriet mill-KSM;
- tanalizza u tindirizza Prattika Kontradittorja mill-KSM fi proċeduri dixxiplinarji;
- tiżgura segwitu malajr u effettiv tar-rakkomandazzjonijiet u s-sejbiet tal-ispettorat tal-Kunsill Suprem tal-Maġistratura.

Il-Kummissjoni titlob lill-Bulgarija biex tissokta bil-proċess ta' riforma tagħha u biex timplimenta r-rakkomandazzjonijiet li għamlet. Il-Kummissjoni se tappoġġa u ssegwi l-progress fuq din il-bażi s-sena d-dieħla. Jeħtieġ li ssir pressjoni ma taqta' xejn biex wieħed jara r-riżultati, u l-Kummissjoni tistieden ukoll lill-Istati Membri l-oħrajn biex ikomplu jassistu lill-Bulgarija u jgħinuha timxi 'l quddiem. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni se tibqa' tappoġġa l-isforzi tal-Bulgarija permezz ta' djalogu politiku u tekniku u billi tagħtiha l-kompetenza xierqa, fejn ikun meħtieġ.

Il-prospettivi:

Dan ir-rapport juri li, fil-livell tekniku, ittieħdu xi passi b'rispons għar-rakkomandazzjonijiet tar-rapport ta' Lulju 2008 tal-Kummissjoni. Inħoloq momentum li qed jagħti l-ewwel riżultati. Madanakollu, jeħtieġ li jkun hemm riżultati aktar sostanzjali fl-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-ġudizzju ta' każijiet ta' korruzzjoni flivell għoli u ta' kriminalità organizzata sabiex wieħed jasal għal bidla li tibqa' fil-Bulgarija. Għadha ma bdietx riforma profonda tal-ġudikatura. Din teħtieġ impenn politiku fit-tul u inekwivoku. Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-Mekkaniżmu jservi ta' għodda ta' sostenn li jeħtieġ li tinżamm sakemm dawn ir-riformi jkunu seħħew. Għaldaqstant, il-Kummissjoni se tivvaluta mill-ġdid il-progress li jkun sar fis-Sajf tal-2010.